

Faċli tiċċekkjahom u diffiċli tiffalsifikahom

Minħabba li l-karti l-ġodda ta' €5 għandhom karatteristiċi ta' sigurtà ġodda, saru ħafna aktar diffiċli biex tiffalsifikahom. Iżda bħall-karti tal-flus tal-ewwel sensiela, malajr tista' tiċċekkjahom. Kemm tuża l-metodu fi tliet passi "Ħoss–Ħares–Mejjel".



1 ĦOSS

Il-karta tal-flus – Tinħass tqarqaċ u soda.

L-istampar imqabbeż – Ħoss il-linji qosra mqabbżin mat-truf tax-xellug u tal-lemin tal-karta tal-flus. Ix-xbieha ewlenija, l-ittri u ċ-ċifra l-kbira tal-valur ukoll jinħassu eħxen.



2 ĦARES

Watermark bil-wiċċ – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Tista' tara wiċċ Europa, iċ-ċifra tal-valur u tieqa.

Poġġi l-karta tal-flus fuq wiċċ skur u l-partijiet ċari jiskuraw.

Fil ta' sigurtà – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Il-fil ta' sigurtà jidher bħala strixxa skura.




3 MEJJEL

Ologramma bil-wiċċ – Mejjel il-karta tal-flus. Fl-istrixxa lewn il-fidda jidher wiċċ Europa, tieqa u ċ-ċifra tal-valur.

Numru aħdar żmerald – Mejjel il-karta tal-flus. Jidher effett bid-dawl miexi 'l fuq u 'l isfel man-numru, li wkoll ibiddel il-kulur tiegħu minn aħdar żmerald għal blu skur.

IS-SENSIELA EUROPA



In-naħa ta' quddiem tal-karta l-ġdida ta' €5

ĦArsa AKtar MILL-QRIB



IL-WIĊĊ ĠDID TAL-EURO
Skopri l-karta l-ġdida ta' €5

Mezz ta’ pagament fdat



Mario Draghi
President tal-Bank Ċentrali Ewropew

Sa minn meta daħlu fiċ-ċirkolazzjoni aktar minn għaxar snin ilu, il-karti tal-flus tal-euro saru mezz ta’ pagament fost l-aktar fdati fid-dinja kollha. Biex tinżamm din il-fiduċja, is-sensjela Europa tinkorpora l-aħħar teknoloġija li qiegħda tintuża fil-karti tal-flus.

Dħul gradwali minn Mejju 2013

Il-karti tal-flus il-ġodda se jidħlu fis-snin li ġejjin u jibdwu bil-karta l-ġdida ta’ €5 minn Mejju 2013. Il-karti tal-flus tal-ewwel sensjela se jibqgħu fiċ-ċirkolazzjoni flimkien mal-ġodda sakemm joħroġ avviż ieħor. Meta ma jibqgħux valuta legali aktar, xorta jistgħu jissarrfu sa żmien indefinit fil-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema.

Aktar tagħrif jinsab hawnhekk:
www.wiccgdidaeuro.eu

Il-“wiċċ” tal-karti tal-flus il-ġodda tal-euro

L-uċuħ dejjem intużaw tradizzjonalment fuq il-karti tal-flus fid-dinja kollha u l-istudji u r-riċerka li saru juru li n-nies x’aktarx jagħrfu l-uċuħ bla tbatija. L-Eurosistema għażlet li tqiegħed il-wiċċ ta’ Europa fil-watermark u fl-ologramma tas-sensjela l-ġdida ta’ karti tal-flus tal-euro. Europa hija figura tal-mitoloġija Griega. Il-wiċċ ittieħed minn vażun li jinsab fil-Louvre, Pariġi. Il-vażun instab fl-Italja tan-Nofsinhar u għandu aktar minn 2,000 sena. Dan il-wiċċ intgħażel minħabba li għandu rabta ċara mal-kontinent tal-Ewropa u wkoll jagħti laqta umana lill-karti tal-flus.



L-EVWEL SENSIELA

IL-KARTA TA’ €5
TAS-SENSIELA EUROPA

Quddiem

Wara

	 www.nbb.be	
 www.bundesbank.de	 www.eestipank.ee	 www.centralbank.ie
 www.bankofgreece.gr	 www.bde.es	 www.banque-france.fr
 www.bancaditalia.it	 www.centralbank.gov.cy	 www.bcl.lu
 www.centralbankmalta.org	 www.dnb.nl	 www.oenb.at
 www.bportugal.pt	 www.nbs.sk	 www.bsi.si
	 www.bof.fi	

Biex tkun taf aktar dwar il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro għandek tikkuntattja lill-bank ċentrali ta’ pajjiżek jew

Il-Bank Ċentrali Ewropew
Kaiserstrasse 29
60311 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

Tel.: +49 69 1344 7455 / Fax: +49 69 1344 7401
E-mail: info@ecb.europa.eu
www.wiccgdidaeuro.eu
www.euro.ecb.europa.eu

BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA